27 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**John Aquilina** *versus* Giovanni Coleiro ne.

**Ċitazzjoni — Kawżali.**

*Il-kawżali taċ-ċitazzjoni fil-Qrati Superjuri ma tistax titbiddel; u għalhekk, jekk il-Qorti ssib lill-konvenut responsabili għal danni fuq kawżali diversa minn dik dedotta fiċ-ċitazzjoni, ma tistax tilqa' t-talba u tippronunzja dik ir-responsabilità fuq il-kawżali diversa li rriżultat. U biex tiġi sostnuta deċiżjoni simili mhux biżżejjed il-fatt li l-konvenut ġie mħarrek biex jirrispondi għad-danni minħabba "l-aġir illegali tiegħu" meta dak l-aġir illegali jirriferixxi neċessarjament għal dik il-kawżali li ma rriżultatx.*

*Meta l-Qorti tiddeċidi fuq dik il-kawżali diversa, id-deċiżjoni tagħha hija "extra petita".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi permezz ta' kuntratt ta' noleġġ iffirmat fil-5 ta' Novembru 1946, bejn Messrs. Albanozzo & Co. għan-nom ta' l-instanti u Messrs. Carmelo Caruana bħala aġent tad-ditta konvenuta, l-insanti ħa n-noleġġ minn għand id-ditta konvenuta tal-vapur "San Ġorġ M.", u dana sabiex l istess vapur imur Tripli biex hemm jgħabbi minn 200 sa 250 barri u minn 80 sa 100 majjal, u jġib l-istess hawn Malta, bin-nol u taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fl-imsemmi kuntratt, fost liema kondizzjonijiet kien hemm illi l-esponenti kellu jgħabbi kaxex tal-bajd frisk u eventwalment merkanzija oħra sal-kompletament tal-bastiment; u illi l-konvenut, kontrarjament għall-kondizzjonijiet fuq imsemmija, uża parti ta' l-imsemmi vapur ħalli jgħabbi

kwantità ta' btieti ta' nbid u merkanzija oħra tiegħu, u għal-hekk il-barrin u l-majjali kelihom jiġu ngħobbija fi spazju iż-jed ristrett b'dannu evidenti ta' l-attur, tant illi minħabba din it-tagħbija difettuża ħames (5) barrin u wieħed u għoxrin (21) majjal mietu waqt t-traġitt; u talab li l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabili tad-danni sofferti mill-attur minħabba l-aġir illegali tiegħu—danni li għandhom jiġu likwidati f'dana l-ġudizzju jew f'ġudizzju separat, anki okkorrendo per mezz ta' periti nominandi; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ta' l-4 ta' Diċembru 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-2 ta' Diċembru 1948, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur relativa għar-responsabilità tal-konvenut u rriżervat il-likwidazzjoni tal-ħsara għal ġudizzju separat, u or-dnat illi l-ispejjeż ibatihom il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi u mill-perizja rriżulta li l-konvenut nomine nnoleġġja l-vapur "San Ġorġ" lill-attur biex dana minn Tri-pli jgħabbi minn 22............. L-attur isostni li l-bastiment kellu jkun kollu għalih................ iżda l-konvenut isostni li l-vapur ma kienx noleġġjat kollu kemm kien lill-attur, u bi prova ta' dan għamel riferenza għall-klawsola li tidher imħas-sra fil-kuntratt "libero per la sua intera e salutifera portata"...........; illi kieku l-attur ma nnoleġġjax il-vapur kollu u ma kellhiex titgħabba ħlief il-merkanzija tiegħu u l-25 tun-nellata bajd ta' Caruana Curran, ma kienx ikun spjegabili l-obligu ta' l-attur li jikkompleta l-bastiment bit-tagħbija ta' merkanzija oħra u b'hekk jimlih. Li kieku lill-attur kien ġie noleġġjat kemm kien meħtieg għat-tagħbija tal-bhejjem biss, għall-kumplament tal-bastiment kien ikollu jieħu ħsieb il-kon-venut, u mhux l-attur;

Illi huwa minnu li wara li sar il-kuntratt il-konvenut fit-tex jara jistax jgħabbi xi tliet btieti ta' l-inbid u rnexxielu, u beda biex jgħabbi l-btieti vojta għal Tripli; iżda malli nduna b'dan l-attur ipprotesta, u qagħad biss wara li kien ġie assi-ġurat li wisa' kien ikun hemm biżżejjed għal bhejjem tiegħu biex dawna jivvjaġġaw bla ħsara. Dik l-akkwijexxenza ta' l-attur għat-tagħbija ta' l-inbid li ried jagħmel il-konvenut kie-

net subordinata għad-disponibilità ta' l-ispazju wara li jitgħabba l-laħam;

Illi jekk spazju ma kienx hemm għall-laħam u għall-inbid, l-attur ma jistax jiġi kunsidrat bħala akkwijexxenti u konsenzjenti għat-tagħbija ta' l-inbid f'dak il-vjaġġ;

Illi intant, malli l-vapur wasal Tripli, il-kaptan ġie nfurmat illi l-bhejjem kienu lesti għat-tagħbija; iżda peress li l-kaptan ried jgħabbi l-inbid ukoll, u dana ma kienx lest fuq il-moll, il-kaptan qagħad jistenna l-inbid u ddawwar iżjed minn ġurnata fil-karikazzjoni ta' l-inbid u tal-bhejjem.........; u fis-sebgħa tal-għada filgħodu l-vapur salpa lejn Malta. Wara nofs in-nhar qamet iż-żiffa u l-baħar beda jitqawwa, u mal-lejl żdied; u l-għada kien hemm maltempata qawwija, u l-vapur wasal Malta fil-port fit-8.35 a.m. Ma' tul il-vjaġġ mietu l-barrin u l-majjali kif intqal fit-taħrika;

Illi mill-perizja rriżulta li l-majjali kienu ġew mgħobbija fi spazju ċkejken iżżejjed, u mhux skond is-sengħa; u ħtija ta' dan saret il-ħsara, billi mietu........... Meta wieħed jikkunsidra li l-konvenut kien assikura li kellu jkun hemm il-wisa' għall-bhejjem, u li l-konvenut kellu l-obligu li jwassal il-bhejjem qawwijin u sħaħ kemm jista' jkun, jiġifieri bla ħsara, tinżel ċara l-konklużjoni li responsabili tal-ħsara kien il-konvenut nomine........... Huwa veru li kieku ma qamx baħar qawwi, kieku l-majjali aktarx kienu jaslu kollha ħajjin; iżda fin-navigazzjoni f'nofs ix-xahar ta' Novembru l-maltemp huwa prevedibili li wieħed jista' jistennieh, u għalhekk wieħed għandu jieħu l-prekawzjonijiet biex jilqa' ruħu minn dak li jista' jissuċċiedi meta jkun maltemp qawwi........... Il-maltemp huwa forza maġġuri, u bħala perikolu tal-baħar ġie previst fil-kuntratt tan-noleġġ bħala eskludenti r-responsabilità tal-konvenut nomine għall-ħsara tal-kariku. Iżda l-attur jippretendi li l-konvenut kien espona ruħu għal dak il-perikolu u forza maġġuri ħtija tiegħu, billi ddawwar ma telaq minn Tripli għax qagħad jistenna u mbagħad qagħad jgħabbi l-inbid, u b'hekk tilef aktar minn ġurnata, u allura laħaq il-maltemp ma' tul il-vjaġġ. La darba ma kienx hemm spazju biżżejjed biex jitgħabbew il-btieti u l-majjali mingħajr ħsara tal-majjali........... Immela, li kieku l-vapur ma ddawwarx ma telaq

minn Tripli, dak li ġara ma kienx jiġri, għax fl-aqqal tal-maltemp il-vapur kien ikun għoddu wasal fil-port. U tabilħaqq mil-"log book" jirriżulta........... Immela la darba l-vapur sab ruħu f'tempesta minħabba d-dewmien fit-tluq minn Tripli, u tad-dewmien kien responsabili l-konvenut nomine, u dan ma kienx intitolat jiddawwar biex jgħabbi l-inbid, il-konvenut nomine irrenda ruħu responsabili tal-ħsara fil-barrin ukoll (arg. art. 384 Kodiċi tal-Kummerċ);

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi s-sentenza fuq indikata tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu ddikjarat il-konvenut responsabili taddanni għar-rigward tat-telf ta' 21 majjal, u tiġi revokata in kwantu ddikjarat responsabili l-appellant tat-telf tal-ħames barrin, u jiġi deċiż għar-riġett tat-talbiet ta' l-attur in kwantu relativi għall-perdita tal-barrin; bl-ispejjeż skond il-liġi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami ta' l-appellant huma (1) illi l-kawża, in riferenza għal barrin, ġiet deċiża fuq kawżali differenti minn dik illi ġiet allegata mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni, u (2) fil-meritu illi ma kienx hemm ebda infrazzjoni ta' l-obligi ta' l-appellant li minħabba fiha sar responsabili tad-danni;

Fuq l-ewwel gravam l-appellant issottometta illi l-attur ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-fatt illi l-annimali trasportati kienu qegħdin fi spazju ristrett iżżejjed, minħabba t-tagħbija difettuża, u għalhekk ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq "colpa contrattuale"; u allura mhux leċitu f'dina l-kawża illi jiġu diskussi kawżi oħra ta' dannu li sofra l-attur. L-attur ippremetta fiċ-ċitazzjoni illi permezz ta' kuntratt ta' noleġġ l-attur innoleġġja minn għand il-konvenut il-vapur "San Ġorġ M." biex dana l-vapur imur Tripli biex jgħabbi annimali minn hemm u skond kondizzjonijiet oħra; illi l-konvenut (ippremetta dejjem l-attur fiċ-ċitazzjoni), kuntrarjament għall-kondizzjonijiet tal-kuntratt, uża minn parti tal-vapur biex jgħabbi kwantità ta' btieti inbid u merkanzija oħra tiegħu; u peress illi għalhekk il-barrin u l-majjali kellhom ikunu mgħobbija fi spazju iżjed ristrett b'dannu evidenti ta' l-attur, tant illi minħabba dik it-tagħbija difettuża ħames barrin u anni-

mali oħra mietu waqt t-traġitt, għalhekk talab illi l-konvenut ikun dikjarat responsabili tad-danni, minħabba l-aġir illegali tiegħu. Kif jidher evidenti, il-kawżali kollha qiegħda fuq it-tagħbija difettuża, li ġiebet dawk id-danni; u l-perit tekniku *nominat mill-Ewwel Qorti ssottometta illi mentri l-majjali* mietu minħabba dik it-tagħbija difettuża, għaliex kienu fi spazju ristrett wisq, il-barrin ma mietux għal din il-kawżali, għaliex normalment dawk il-barrin b'dik it-tagħbija kien imisshom waslu Malta mingħajr l-ebda dannu; imma ġara dak li ġara għax il-vapur fit-traġitt iltaqa' mal-maltemp qawwi, li minħabba dina ċ-ċirkustanza kien hemm ritard konsiderevoli fil-vapur biex wasal hawn Malta, minn 32 siegħa għal 50 siegħa, ċjoè d-differenza ta' 18-il siegħa;

L-Ewwel Qorti laqgħet ir-raġunijiet tal-perit tekniku, u rriteniet illi l-barrin kellhom spazju biżżejjed biex f'każi normali jaslu Malta ħajjin, u għalhekk dawk li mietu ġralhom hekk minħabba l-maltemp. Dana l-event, irriteniet l-Ewwel Qorti, ma għandux isofrieh il-konvenut, peress illi huwa każ ta' "forza maggiore" eskludenti r-responsabilità skond il-kuntratt, iżda dik ir-responsabilità taqa' fuqu peress illi tilef żmien inġustifikat biex jgħabbi l-annimali, u għalhekk, kieku għabba qabel u l-vapur telaq qabel, ma kienx isib dak il-maltemp, għax fl-aqwa tal-maltemp il-vapur kien ikun għoddu wasal Malta; u għalhekk, irriteniet l-Ewwel Qorti, la darba l-vapur sab ruħu f'tempesta minħabba d-dewmien fit-tluq minn Tripli u tad-dewmien kien responsabili l-konvenut, dan *ma kienx intitolat biex jgħabbi*, u *għalhekk il-konvenut, in* forza ta 'argument mill-art. 384 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, irrenda ruħu responsabili tal-ħsara fil-barrin ukoll;

Tikkunsidra;

Illi, kif jidher ċar, l-Ewwel Qorti, fuq il-kawżali miġjuba fiċ-ċitazzjoni, sabet illi l-appellant mhux responsabili, iżda huwa responsabili ta' dik il-"forza maggiore" li għaliha normalment ma kienx ikun responsabili, minħabba illi dam ma għabba u telaq minn Tripli, u kieku ma kienx tilef ġurnata sħiħa biex jgħabbi huwa ma kienx jiltaqa' ma' dik il-maltempata kollha, għaliex kien kważi wasal Malta. U għalhekk l-Ewwel Qorti, fuq dana, iċċitat l-artikolu 384 tal-Kodiċi Kum-

merċjali fuq id-dewmien inġustifikat tal-vapur;

Din il-kawżali hija totalment differenti minn dik miġjuba fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk, skond il-Liġi tal-proċedura, fil-Qrati Superjuri ma setgħetx titbiddel. L-appellant issottometta, bħala ankra tas-salvament, illi huwa fiċ-ċitazzjoni qal ukoll illi qiegħed *jitlob id-danni minħabba l-aġir illegali tal-konvenut* u dak l-aġir illegali jikkomprendi kollox. Però hija regola fondamentali fil-proċedura tagħna, illi l-oġġett u l-kawża taċ-ċitazzjoni għandhom, taħt piena ta' nullità, jiġu espressi b'mod ċar u sewwa (art. 151 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), u għalhekk iċ-ċitazzjoni għandha dana r-rekwiżit, għaliex hija ċara ħafna fl-espożitiva tal-fatti li jikkostitwixxu dik il-kawżali; u *għalhekk meta fiċ-ċitazzjoni jingħad illi "billi* għalhekk il-barrin u l-majjali kellhom jiġu mgħobbija fi spazju iżjed ristrett b'dannu evidenti ta' l-attur, tant illi minħabba din it-tagħbija difettuża ħames barrin........... mietu waqt it-traġitt", dik hija l-kawżali ċarament dedotta skond il-liġi; u għalhekk, meta mbagħad qal "minħabba l-aġir illegali tal-konvenut", neċessarjament kien qiegħed jirriferixxi għal dik *il-kawżali*, u mhux *għal eventi oħra, bħal każ tal-maltemp* li għalih għandu jirrispondi għax kien "in culpa" minħabba d-dewmien;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, u tiddikjara illi l-ewwel sentenza, in kwantu ddeċediet il-kawża in riferenza għall-barrin, iddeċedietha fuq kawżali diversa minn dik miġjuba fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk *hemm id-difett li ddeċediet* "extra petita"; u għalhekk tirrevoka dak il-kap tas-sentenza li jirriferixxi għall-barrin, u tillibera l-konvenut in riferenza għat-talba fuq il-barrin, minn dik it-talba, għall-kawżali li hija dedotta fiċ-ċitazzjoni; salva favur l-attur, anki kontra l-konvenut nomine, u anki in riferenza għad-danni li huwa sofra in rigward ta' dawk il-barrin, kwalunkwe azzjoni oħra fuq kawżali diversa, *"si et quatenus"*. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet in riferenza għall-kap devolut lil din il-Qorti; però l-ispejjeż tal-perizja adoperata, kompriżi l-ispej-

jeż tas-seduti, jitħallsu nofs minn kull parti; l-ispejjeż ta' dina l-istanza jitħallsu mill-attur appellat;

F'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.